# MALTA

## QORTI CIVILI
## PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## SILVIO MELI

**LL.D.; Dip. Stud. Rel.; Dip. Can. Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert. Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Illum it-23 ta' Frar, 2017.**

**Rikors Numru 1236/2008**

**Simon Attard ezercenti l-kummerc**
**taht l-isem Gypsum 2000**

**vs.**

**Joseph *sive* Joe Agius**

Il-Qorti,

1.0. Rat ir-rikors guramentat promotur datat il-11 ta' Dicembru 2008, li permezz tieghu r-rikorrenti sintetikament espona s-segwenti, (ara foll 1):

1.1. Illi fuq inkarigu tal-intimat, ir-rikorrenti esegwixxa diversi xogholijiet u stallazzjoni tas-servizzi ta' dawl u ilma fil-fond numru 40, *CJ House*, Triq il-Bizzilla, Hal Ghaxaq;

1.2. Illi ta' dawn ix-xogholijiet l-intimat ghad fadallu jhallas lir-rikorrenti l-ammont ta' erba' u tletin elf u ghoxrin euro u hamsin centezmu, (€34,020.50);

1.3. Illi *nonostante* li interpellat diversi drabi biex ihallas is-somma fuq indikata lir-rikorrenti, l-intimat baqa' inadempjenti;

1.4. Illi ghalhekk ir-rikorrenti kien kostrett jadixxxi din il-qorti biex ikollu l-opportunita` jghid ghaliex din il-qorti m'ghandiex:

1.4.1. Tiddikjara li l-intimat ghandu jhallas lir-rikorrenti s-somma bilancjali fuq indikata ta' €34,020.50, rapprezentanti x-xoghol u stallazzjoni fuq indikati fil-post fuq riferit, inkluzi l-ispejjez inkorsi mir-rikorrenti biex setghu jsiru x-xogholijiet in dizamina;

1.4.2. Tikkundanna lill-intimat biex ihallas lir-rikorrenti is-somma fuq indikata;

1.4.3. Bl-ispejjez kif dedotti fl-istess rikors guramentat promotur u bl-imghaxijiet dekorribbli mid-data tal-istess ittra ufficjali hemm riferita sad-data tal-pagament effettiv;

2.0. Rat ir-risposta guramentata datata t-8 ta' Jannar, 2009, li permezz taghha l-intimat irrisponda sintetikament bil-mod segwenti, (ara foll 7);

2.1. Illi l-intimat m'inkarigax lir-rikorrenti biex jezegwixxi x-xogholijiet *de quo* indikati mill-istess rikorrenti;

2.2. Illi ghalhekk ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju;

2.3. Illi r-rikorrenti thallas l-ammont ta' tlieta u ghoxrin elf, mitejn u tlieta u disghin euro, (€23,293.00);

2.4. Illi l-ammont indikat fil-paragrafu precedenti jissupera l-valur reali tax-xogholijiet li lahaq esegwixxa r-rikorrenti fil-fond in dizamina;

2.5. Illi r-rikorrenti gie nwaqqaf milli jkompli bix-xoghol *de quo* ghaliex ma kienx qed jahdem skont is-sengha u l-arti;

2.6. Illi l-pretensjoni tar-rikorrenti mhix sostenibbli;

3. Rat id-digriet taghha diversament preseduta datat is-7 ta' Mejju, 2009, li permezz tieghu, wara talba appozita tal-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet, gew mahtura l-perit legali u l-perit tekniku hemm indikati, (ara foll 10);

4. Rat ir-relazzjoni kongiuntiva tal-perit legali u tal-perit tekniku datata l-15 t'Ottubru, 2014, (ara foll 60), u d-domandi u risposti in eskussjoni, (ara foll 208 u 213);

5. Hadet konjizzjoni tal-verbali datati d-9 ta' Frar, 2016, u t-3 ta' Mejju, 2016, fejn l-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet infurmaw lill-qorti li kienu qed jesploraw transazzjoni, (ara foll 218 u 219), liema esplorazzjoni ma hallietx il-frott deziderat;

6. Ezaminat l-atti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat:

7.0. Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament esposti bil-mod segwenti:

7.1. Illi r-rikorrenti qed jitlob li l-intimat ihallsu somma bilancjali ta' €34,020.50 ghal xoghol t'*interior decoration* u stallazzjoni ta' dawl u ilma fil-fond 40, *CJ House*, Triq il-Bizzilla, Hal-Ghaxaq, inkluz ukoll l-ispejjez inkorsi biex dawn ix-xogholijiet setghu jsiru;

7.2. Illi l-intimat isosstni li ma kienx inkariga lir-rikorrenti biex jeffettwa dawn ix-xogholijiet;

7.3. Illi ghalhekk l-istess intimat talab li jkun liberat mill-osservanza tal-gudizzju;

7.4. Illi l-intimat isosstni wkoll li hallas lir-rikorrenti l-ammont ta' €23,293.00 – liema ammont allegatament jissupera l-valur reali li r-rikorrenti lahaq esegwixxa fl-istess fond;

7.5. Illi *di piu`*, isosstni wkoll li r-rikorrenti twaqqaf mix-xoghol ghaliex ma kienx qed jahdem skont is-sengha u l-arti;

Ikkunsidrat:

8.0. Illi tenut kont tas-suespost ghandhom fl-ewwel lok jigu superati l-eccezzjonijiet preliminari sollevati mill-intimat, senjatament:

8.1. Illi l-intimat ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju; u

8.2. Illi l-valur gia` imhallas mill-intimat lir-rikorrenti jissupera l-valur reali tax-xogholijiet esegwiti mir-rikorrenti;

Ikkunsidrat:

A. **Il-Liberazzjoni:**

9. Illi l-intimat qed jeccepixxi s-segwenti liberazzjoni *stante* li isosstni li ma kienx il-persuna li inkariga lir-rikorrenti biex jesegwixxi x-xogholijiet in dizamina li taghhom l-istess rikorrenti qed jitlob l-ammont bilancjali minnhu pretiz;

10. Illi f'dan ir-rigward din il-qorti hi kostretta li taghmel ampja riferenza ghar-relazzjoni peritali kongunta fejn, *stante* li ma ssib xejn x'ticcensura fiha, tiddikjara li qed tadottha *in toto*;

11. Illi f'dan ir-rigward ezami tal-paragrafi numri 4 sa 14, (ara foll 73 sa 82), wassal lill-istess perit legali in dizamina li ghar-ragunijiet minnhu hemm ezaminati isosstni li:

> "...dak eccepit mill-konvenut fl-ewwel risposta tieghu ghat-talbiet attrici mhijiex fondata";

12. Illi a skans ta' repetizzjoni inutili u ta' dilungar zejjed din il-qorti tistrieh fuq ir-ragunament u konkluzzjonijiet hemm indikati, u tadotthom;

13. Illi konsegwentement din l-ewwel eccezzjoni sollevata mill-intimat ghandha tigi respinta;

Ikkunsidrat:

B. **Il-Valur tax-Xogholijiet Esegwiti:**

14. Illi f'dan ir-rigward l-intimat isosstni li hallas lir-rikorrenti ammont li jissupera l-valur reali tax-xogholijiet esegwiti, (ara paragrafu numru seba' punt erba', (7.4.), aktar qabel);

15. Illi l-intimat isosstni li r-rikorrenti ma thalliex ikompli jesegwixxi x-xogholijiet moghtija lilhu ghaliex ix-xoghol ma kienx skont is-sengha u l-arti, (ara foll 7);

16. Illi mill-gdid f'dan ir-rigward din il-qorti terga' tistrieh fuq ir-relazzjoni peritali li hawn ukoll tiddikjara li qed tadotta *in toto*, fejn il-perit tekniku involut analizza x-xoghol involut fil-paragrafi numru 16 sa 19, (ara foll 82 sa 83A), li qed taghmilhom ukoll taghha;

17.0. Illi fid-dawl tar-rizultanzi hemm elenkati l-istess perit legali involuta sintetikament ikkonkludiet is-segwenti:

17.1. Illi l-intimat ma pprezentax id-debiti ricevuti ghall-pagamenti minnu allegati, (ara foll 83 A);

17.2. Illi l-intimat jikkontradixxi ruhhu meta fir-risposta guramentata jsosstni li hallas Lm10,000.00, (ekwivalenti ghal €23,293.00, ammont li jissupera l-valur reali tax-xogholijiet esegwiti, (ara foll 7), mentri meta l-istess xehed in subizzjoni jghid:

> "Jien qatt ma ghidt li thallsu Lm10,000.00", (ara foll 145);

17.3. Illi din il-qorti ghalhekk qed tistrieh kompletament fuq il-paragrafu numru 24 tar-relazzjoni peritali kongunta, senjatament:

> "L-ammont gia` mhallas lill-attur gia` stabbilit aktar qabel fis-somma ta' Lm9,000 ossia €20,964.36, u ghalhekk l-ammont bilancjali dovut lill-attur huwa ta' €31,013.41", (ara foll 85);

Ikkunsidrat:

18. Illi jirrizulta li biex effettwat il-konsiderazzjonijiet taghha u wasslet ghall-konkluzjonijiet riprodotti fl-imsemmija relazzjoni anke, wara t-twegibiet in eskussjoni, (ara foll 213 u 214), jirrizulta li l-istess perit legali ezaminat diversi xhieda u strahet fuq numru estensiv ta' kazijiet minnha hemm riprodotti;

19. Illi in vista tal-istess tissottolinea dak precedentement ribadit u tirribadixxi li l-istess konsiderazzjonijiet u konkluzjonijiet tal-istess periti fuq indikati qed jigu hawn adottati;

Ikkunsidrat:

20. Illi fir-rigward tal-konkluzjonijiet tal-perit tekniku fuq riferiti ssir referenza ghas-sentenza tal-***Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri)***, fl-ismijiet ***Paul Cutajar vs. Bugeja Marbles Limited*** datata l-***10 ta' Jannar, 2007***, fejn gie ritenut is-segwenti:

> "...il-perizja hi fonti oggettiva ta' prova inkwantu ghall-accertament ta' sitwazzjoni ta' fatt li ma jkunx rilevabbli hlief bir-rikors ghal konjizzjoni teknika determinata ...forsi jista` jizdied illi aktar minn mezz ta' prova l-perizja hi strument ta' valutazzjoni taht il-profil tekniku ta' dawk l-elementi idonei ghall-formazzjoni tal-konvinciment tal-gudikant";

21.0. Illi ghalhekk anke l-konkluzjonijiet tal-espert tekniku *de quo* ghandhom jigu debitament accettati, u dan:

21.1. Kemm ghaliex l-istess perit tekniku involut ghandu l-formazzjoni teknika necessarja tal-materja in dizamina; kif ukoll

21.2. Ghaliex il-motivazzjoni u l-opinjoni minnu espressa giet stabbilita b'mod oggettiv, perswasiv u konvincenti; u

21.3. Illi l-istess konkluzjonijiet tal-perit tekniku *de quo* bl-ebda mod ma gew skossi;

Ikkunsidrat:

22.0. Illi in vista tal-premess din il-qorti hi ghalhekk sodisfatta li r-rikorrenti ipprova l-kaz tieghu fil-limiti fuq esposti, u konsegwentement, filwaqt li:

**DECIDE:**

22.1. Tirrespingi r-risposti tal-intimat bir-riserva fuq riferita;

22.2. Takkolji t-talbiet tar-rikorrenti fil-limitu fuq ukoll riferit;

22.3. Tiddikjara li l-intimat fuq indikat ghandu ghalhekk ihallas lir-rikorrenti s-somma bilancjali ta' wiehed u tletin elf, u tlettax- il euro u wiehed u erbghin centezmu, (€31,013.41), rapprezentanti xogholijiet ta' *"interior decoration"* u stallazzjoni tad-dawl u ilma fil-fond numru 40, *CJ House*, Triq il-Bizzilla, Hal-Ghaxaq, inkluz l-ispejjez inkorsi mir-rikorrenti biex setghu jsiru l-istess xogholijiet;

22.4. Tikkundanna lill-istess intimat ihallas lir-rikorrenti l-ammont bilancjali indikat fil-paragrafu precedenti;

22.5. Bl-ispejjez kif dedotti fl-istess rikors guramentat promotur kontra l-imsemmi intimat u bl-imghaxijiet mid-data tal-ittra ufficjali hemm ukoll riferita sad-data tal-effettiv pagament.

________________________

Onor. Imhallef Silvio Meli

**DECIZJONI FINALI**